**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 5 - IT-TLIETA 20 TA' OTTUBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Victor Agius | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Kien hemm 4 membri tal-pubbliku preżenti li ġew speċifikament biex jiltaqgħu mal-Kunsill fuq każ partikulari. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-Kunsillier Galea rrimarka li x-xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill dwar ir-rapport imsemmi f'para 4.7, kien sar sewwa ħafna.

1.2. Kien hemm qbil li t-tieni sentenza ta-para. 1.8 'Fil-fatt kien ġie nnutat li fil-jiem li tħallew fil-post dawn ma ġewx żvujtati' tkun attribwita għall-Kunsillier Galea tkun iċċarata li saret b'riferenza għal Triq Santa Luċija.

1.3. Il-Kunsill qabel li jitniżżel il-kliem 'kif suġġerit mill-Kunsillier Galea' fl-aħħar ta' para. 11.9.

1.4. Il-Kunsillier Bonello informa li kien qiegħed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jakkwista xi biljetti tal-ajru b'xejn jew bi prezz baxx sabiex jintużaw għal-lotterija in konnessjoni mal-librerija. Sadanittant kien qed jaħdem fuq publiċità permezz ta' artikli dwar il-mawriet f'Reggio Calabria u Bucharest kif ukoll ieħor dwar il-Wirja ta' Arti, Delizzji u Snajja. Semma wkoll li se jipprova jippubbliċizza l-iffilmjar fin-Naxxar tas-serje 'Commissario Rex'. Il-Kunsillier Galea informa li huwa kien lest li jagħmel l-istess waqt il-programmi tiegħu.

1.5. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Miceli dwar para. 9.9, Is-Sindku u l-Kunsillier Galea infurmaw li s-Sur Clive Xuereb kien attenda għal-laqgħa u qablu li għandu jgħaddi xi pjanti bi proposti dettaljati lill-Kunsill.

1.6. Dwar para. 1.7, is-SE informa li r-rata tal-Gwardjan tal-pitch kienet €7.80 s-siegħa.

1.7. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sammut dwar para. 1.6, is-SE informa li l-Kunsill kien għadu ma ltaqax magħhom.

1.8. Imbagħad il-minuti kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien irnexxielu jidħol għall-finali ta' żewġ *awards*, il-*Green Challenge Award* kif ukoll il-*Local Enterprise Support Award*. Dan ifisser li probabbilment il-Kunsill kien se jingħata minimu ta' €5,000 għal kull *award*.

2.2. Is-Sindku infurmat li fil-preżent, hi u l-Kunsillier Galea bl-għajnuna tas-SE, kienu qed jaħdmu sabiex tiġi organizzata l-attività tal-Milied u talbet lill-Kunsill sabiex jagħtihom il-fakultà li jmexxu b'ċertu deċiżjonijiet li ma jkunux jistgħu jistennew. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan. Fuq proposta mis-Sindku kien hemm qbil li jsir armar ġdid għal Triq tal-Labour u li possibilment id-dwal jinxraw miċ-Ċina jekk jinstab li jiġu akkwistati bi prezz vantaġġjuż. Hija kompliet li dan għandu jinxtgħel fl-attività tal-Milied tat-13 ta' Diċembru. Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Miceli, kien hemm qbil li l-attività tingħata l-isem ta' "Ir-Raħal fil-Milied". Is-Sindku infurmat li l-MTA diġà kienu offrew użu ta' palk mingħajr ħlas filwaqt li l-Iskawz tan-Naxxar kienu lesti li jsellfu żewġ tined għal din l-attivita.

2.3. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jwaqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jiltaqa' mal-membri tas-Safari Camping Club. Il-ħin kien it-8:07pm. Aktar dettalji dwar din il-laqgħa jinstabu annessi.

2.4. Eżatt wara l-laqgħa, il-Kunsill iddiskuta t-talbiet tas-Safari Camping Club. Kien hemm qbil li ssir applikazzjoni lill-ADT biex isir sinjal fuq naħa waħda tat-triq ta' wara Splash & Fun biex ma jkunx ostakulat l-aċċess.

## 3. RAPPORTI TAL-ĦIDMA MILL-KUNSILLIERI U L-AMMINISTRAZZJONI

3.1. Il-Kunsillier Sammut informa li l-ġurnata ta' qabel kienet inżammet laqgħa ma' numru ta' żgħażagħ mil-lokalità rigward l-iskambju ta' żgħażagħ li l-Kunsill kien qed jipproponi li jsir b'konnessjoni mal-programm Youth In Action. Huwa informa li kienu attendew rappreżentanti minn erba' għaqdiet. Is-SE kif ukoll il-Kunsillier Galea u Brincat informaw lill-Kunsillier Sammut li kien hemm erba' individwi oħra li kienu wrew interess. Il-Kunsillier Galea ġibed l-attenzjoni biex jiġu infurmati wkoll ż-żgħażagħ tal-armar. Kien hemm qbil li possibilment il-Kunsill għandu jdaħħal din l-applikazzjoni sal-1 ta' Novembru.

3.2. In konnessjoni mal-applikazzjoni għall-attivitajiet sportivi mill-Kunsilli Lokali bi sħab mal-Kunsill Malti għall-Isports, il-Kunsillier Sammut preżenta programm ta' attivitajiet sportivi li kien qed jissuġġerixxi li jittellgħu għal matul is-sena li ġejja u li kien ikopri attivitajiet (*aerobics, general fitness*, għawm u *pilates*) bejn Jannar u Diċembru 2010. Huwa informa li d-*deadline* għall-applikazzjoni hija l-ġimgħa ta' wara. Il-Gvern kien qed joffri sa massimu ta' €3,000 għal kull Kunsill għall-attivitajiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jorganizza l-attivitajiet kollha kif proposti mill-Kunsillier Sammut u li b'kollox kienu se jiswew madwar €10,000. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel pubbliċità ta' dawn l-attivitajiet sabiex jiżgura li jkunu ta' suċċess. Fir-rigward ta' ħlas għal dawn l-attivitajiet, kien hemm qbil li fejn hemm bżonn għandha tinżamm miżata żgħira.

3.3. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet daret xi *traffic islands* kif ukoll il-*planters* ta' Birguma sabiex tara kif il-Kunsill jista' jkompli jsebbaħ u jirranġa l-lokalità. Fuq suġġeriment tagħha kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinsisti mal-

ADT biex parti mis-*centre strip* ta' Triq tal-Labour tkun irranġata billi titpoġġa ħamrija u fjuri minħabba li hija l-entratura prinċipali fin-Naxxar. Dan kollu wkoll fid-dawl li se jsir traqqigħ maġġuri fi Vjal il-Labour min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

3.4. Għall-mistoqsija dwar iż-żona tat-Trade Fair, is-SE informa li kien għaddej bir-riċerka biex jiskopri min hu s-sid ta' din l-art minħabba li fil-preżent kienet fi stat ta' abbandun. Il-Kunsillier Agius informa wkoll li hemm xi palm li jidher li huwa marid. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet se tieħu ħsieb tagħmel rapport lill-uffiċjali tal-Agrikoltura dwar dawn il-palm.

3.5. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li kienet rat xi boroż tal-iskart fiż-żona ta' T'Alla U Ommu u fi Triq il-Fortizza tal-Mosta. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li jinġabu xi *green wardens* sabiex jinqatgħu l-abbużi.

3.6. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li r-residenti ta' Triq Birguma kienu avviċinawha minħabba li jħossu li hemm periklu minħabba l-abbuż ta' veloċità. Is-SE issuġġerixxa li jsiru marki tat-traffiku matul it-triq kollha sabiex it-triq ma tidhirx daqstant wiesgħa. Huwa ssuġġerixxa li jsiru parkeġġi man-naħa tad-djar, sinjal fin-nofs tat-triq kif ukoll immarkar ta' *hatching* mal-*planters*. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għalissa għandhom isiru l-parkeġġi, is-sinjal tan-nofs u sinjal fil-ġenb l-ieħor iżda mhux bil-*hatching*.

3.7. Il-Kunsillier Brincat semma li aktar kmieni dakinhar waqt li kien qiegħed fi Triq Emmanuel Debono, kien iltaqa' ma' gwardjan li ta numru konsiderevoli ta' ċitazzjonijiet lill-vetturi li kienu pparkjati fl-i*splay* però naqset milli tagħti ċitazzjoni lil vann li kien ipparkjat fil-kantuniera fit-tarf tat-triq kantuniera ma' Triq il-Parroċċa. Kien hemm qbil li jsir sinjal isfar doppju fl-i*splays*.

3.8. Il-Kunsillier Bonello staqsa dwar il-bozza li taħdem bl-enerġija solari u li tpoġġiet faċċata taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Viċi Sindku informa li jidher li mill-weekend 'il quddiem kienet reġgħet qed tixgħel. Kulħadd qabel li apparti l-problemi tekniċi li kien hemm, din il-bozza kienet tagħti dawl sabiħ ħafna.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI

4.1. Is-SE informa li kien qed ikollu problema biex ifittex filmati bil-programm tas-CCTV u għaldaqstant issuġġerixxa li tinxtara sistema ġdida li hija ħafna aktar faċli biex wieħed ifittex. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jonfoq €1525 għal din is-sistema (CCTV DVR).

4.2. Fir-rigward tal-għażla ta' disinjatur għall-Kuntatt, kien hemm żewġ applikanti, Outlook Co-Op u FZ Media. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jmur għall-aktar wieħed irħis, jiġifieri Outlook Co-Op. Dan fid-dawl li l-materjal li pprovda kien meqjus sodisfaċenti għall-Kunsill.

4.3. Fir-rigward tal-proġett tal-*landscaping* ta' Triq Sir Harry Luke u Triq in-Naħal, is-SE informa li kien informa lill-Perit biex issir l-applikazzjoni mal-MEPA. Huwa informa wkoll li se ssir applikazzjoni għall-fondi mill-UIF.

4.4. Il-Kunsillier Bonello staqsa lis-SE jekk kienux dehru r-riklami dwar il-websajt u l-fotografu fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Is-SE ikkonferma u infurmah li kienu tpoġġew ukoll fuq il-paġna tal-Kunsill fuq Facebook. L-iskadenza għal dawn iż-żewġ offerti hija nhar l-20 ta' Novembru.

## 5. IL-PROĊESS TAL-IMPJIEG TAL-ISKRIVANI

5.1. Is-SE informa li kienu waslu 22 C.V. ta' *Part* 2 għall-impjieg tal-iskrivani. Fil-preżent il-Kunsill għandu żewġ postijiet vakanti. Kien hemm qbil li l-bord tal-għażla għandu jkun magħmul mis-Sindku, Pierre Sciberras, Clifford Galea u David Bonello flimkien mas-SE. Il-Kunsillier Miceli infurmat li hija ma xtaqitx tkun fuq il-bord din id-darba iżda ssuġġeriet li qabel ma jibdew l-intervisti għandhom isiru kriterji tal-għażla. Kien hemm qbil li l-intervisti għandhom isiru s-Sibt 24 ta' Ottubru. Kien hemm qbil li, minħabba li l-Kunsillier Bonello se jkun imsiefer, se tattendi l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami minfloku.

5.2. Kien hemm qbil li kemm-il darba jkun hemm ħin, għandhom jiġu diskussi wkoll l-ilmenti wara li jispiċċaw l-intervisti.

## 6. OFFERTA MINN WASTESERV

6.1. Is-SE informa li l-Wasteserv offra li jieħu ħsieb xi żona li jiddetermina l-Kunsill. Kien hemm qbil li għandna nitolbuhom jieħdu ħsieb it-tindif kollu tal-Magħtab u Baħar iċ-Ċagħaq u li jinkludi knis u l-qtugħ ta' ħaxix fuq u taħt il-bankina. Kien hemm qbil li għandhom jintalbu jnaddfu Vjal il-Labour, Triq is-Salina u Triq il-Fortizza tal-Mosta. Se jintalbu wkoll jieħdu ħsieb it-tisbiħ tal-pjazza ta' Xatt il-Palm.

## 7. IDENTIFIKAZZJONI TA' TOROQ LI JEĦTIEĠU KISI MILL-ĠDID

7.1. Is-SE issuġġerixxa li kull Kunsillier għandu jdur iż-żona tiegħu u jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu lilu sabiex ikun hemm numru ta' toroq għad-diskussjoni.

7.2. Il-Kunsillier Galea staqsa lis-SE jekk hemmx xi proċedura dwar traqqigħ maġġuri. Is-SE informa lill-Kunsill li fil-preżent hemm każ pendenti mal-kuntrattur in kwistjoni minħabba xi xogħol ħażin li sar fi Triq il-Fortizza tal-Mosta. Huwa informa li f'dan il-każ il-Kunsill seta' jagħżel kuntrattur ieħor.

7.3. Il-Kunsillier Galea informa li kien ġie preżentat b'kopja ta' petizzjoni mingħand ir-residenti ta' Triq l-Ifran li kienu qed jitolbu li t-triq tagħhom issir fuq bazi unika. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lil dawn ir-residenti fejn jintalbu jiltaqgħu mal-Kunsill qabel il-laqgħa li jmiss.

## 8. ATTIVITAJIET (SPORTIVI, KULTURALI U AMBJENTALI)

8.1. Il-Kunsillier Galea ta spjegazzjoni dwar x'qed jippjanaw is-Sindku u hu li jsir nhar it-13 ta' Diċembru. Huwa informa li l-Maestro Muscat kien infurmah li l-Arċipriet ma sabx oġġezzjoni li jinżamm kunċert mill-Kor Jubilate Deo b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. L-Arċipriet kien aċċetta wkoll li jipprovdi sala sabiex ikun hemm bibita żgħira wara l-kunċert.

8.2. Il-Kunsillier Galea qal li qed jiġi propost li jkun hemm *stalls* f'forma ta' suq miftuħ madwar il-pjazza kollha kif ukoll suq tal-fjuri fi Triq Żenqa; rokna ta' Kurun (bl-inbid) fejn it-terminus; palk b'xi kantanti; kif ukoll parati fi Vjal il-21 ta' Settembru.

8.3. Il-Kunsillier Bonello skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien il-11:05pm.

8.4. Il-Kunsillier Sammut informa li kien attenda għal-laqgħa dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Kien hemm qbil li huwa għandu jgħaddi rapport lill-Kunsill dwar din il-laqgħa.

## 9. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

9.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-11:10pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2009 fis-7:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**LAQGĦA MAR-RAPPREŻENTANTI TAS-SAFARI CAMPING CLUB - 20 TA' OTTUBRU 2009**

Kien hemm erba' persuni jirrapreżentaw dan il-klabb waqt din il-laqgħa.

1. Wieħed mir-rappreżentanti informa li qed ikun hemm ħafna vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq li tagħti għall-Caravan Site bir-riżultat li ħafna drabi mhux qed iħallu spazju biżżejjed fin-nofs biex tgħaddi vettura oħra. Dan huwa ta' periklu għaliex ambulanza żgur li ma tgħaddix kemm-il darba tinħoloq emerġenza. Għaldaqstant talbu li dan ir-rapport jitwassal għand l-ADT.
2. Intalbet ukoll l-għajnuna tal-Kunsill sabiex il-parti li ma saritx bit-tarmak, man-naħa tal-baħar, tiġi llivellata daqs il-parti tat-tarmak minħabba li hemm partijiet li d-diżlivell huwa għoli ħafna u qed joħloq problemi. Kemm-il darba dan jiġi llivellat, dawn iż-żoni jkunu jistgħu jintużaw bħala parkeġġ kif kien isir qabel. Il-Kunsill informa li kien diġà talab lill-Gvern Ċentrali (MTA) sabiex isir dan ix-xogħol però, wara li it-talba ma setgħetx tintlaqa' kien hemm qbil li jibda pjan kif issir riġenerazzjoni taż-żona. Madanakollu mhux antiċipat xogħol fil-qrib.
3. Intalbet l-għajnuna tal-Kunsill biex issir *bring-in site* inkella jitpoġġew xi skips minħabba ż-żibel li jiġi ġġenerat. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-*bring-in site* iżda s-SE informa li bring-in site ma tiddependix mill-Kunsill iżda mill-WasteServ. Skont dawn ir-rappreżentanti kienu diġà infurmaw lill-WasteServ bix-xewqa tagħhom.

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv